MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 3/2002

**Joseph Spiteri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Gunju, 2002 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Decizjoni appellata tat-12 ta’ Gunju 2001:-

“*Your correspondence address to the Director of Social Security refers:*

*From investigation carried out, I would like to inform you that on 12 June 1984 you were notified by this Deparment that your sickness benefit was exhausted and you ceased*

*to submit further medical certificates as from 31 May 1984. In view of this, credits were awarded up to the relevant date of the last medical certificate submitted.*

*Moreover you may wish to note that the affidavit you signed on 24 March 1987 (copy enclosed), entitled you to service credits with effect from 1 January 1987 -–the date on which the enactment of service came into force.*

*As you can see from the above you are not covered by credits for part of 1984, 1985 and 1986. This is the sole reason why you are receiving a reduced rate of pension*".

L-appell:

"*Jiena, Mr. Joseph Spiteri, nixtieq nappella mid-decizjoni li rcevejt dwar il-pensjoni tieghi bid-data 12/06/01.*

*Jiena ma naqbilx ma' din id-decizjoni li l-pensjoni tieghi qieghda tithallas b'rata baxxa, ghaliex il-kontenut ta' l-ittra ma jirriflettiex il-fatti*."

Affidavit tal-appellant:-

"*Jiena spiccajt mix-xoghol bil-pensjoni fis-17 ta' Ottubru 2000. Meta rcevejt il-pensjoni sibt li din kienet qieghda tintbaghat lili nieqsa u dan minhabba li infurmani li kelli bolli neqsin. Il-fatti huma dawn li jien kont qabel ma spiccajt bil-pensjoni snin qabel kont membru fil-korp tal-Pulizija u meta ghalaqt is-servizz (25 sena) u dan kien fl-1983, kont hrigt ghal perjodu bis-'sick-leave' u meta spiccajt kont bis-'sick-leave'. Dan domt hekk bis-'sick-leave' ghal snin. Infatti kont b'mod regolari naghmel ic-certifikati tal-mard u kont nipprezenta wiehed kull gimgha lid-dipartimet tas-Servizzi Socjali. Wara xi zmien mort niccekja biex nara jekk ghandiex dritt ghal xi ghajnuna tal-mard liema 'request' kont ghamiltha quddiem certu Mr. Moses Azzopardi. Fil-fatt wara xi zmien ghal zmien kont nircievi karta minghand id-dipartiment tas-Social Services fejn fiha kienu dejjem jistaqsu jekk jiena ghandiex intenzjoni li nghaddi bord. Din kont nibghatha u dejjem infurmajthom li le.*

*Fl-1987 meta inbidlet il-ligi, kont mort id-Dipartiment min jeddi, u ergajt kellimt lis-Sur Moses Azzopardi li semmejt hawn fuq. Jien kont staqsejtu jekk baqaliex skop naghmel certifikati ghall-fatt li l-ligi kienet allura inbidlet. Huwa kien qalli biex naghmel affidavit li ma kontx qed nahdem f'dak il-perjodu tas-'sick-leve', liema affidavit ghamiltu. Meta staqsejtu ghaliex hemm bzonn dan la darba hemm ic-certifikati, huwa kien qalli li dik kienet l-ordni.*

*Gara li fl-1992, jien bdejt nerga' nahdem u bqajt nahdem sakemm spiccajt bil-61 sena f'Ottubru 2000.*

*Jiena wara kelli nigi infurmat wara li ghamilt 'complaint' fqu il-pensjoni tieghi li ma kienx hemm l-anqas fil-file, il-GBU tieghi liema dokument huwa importanti biex wiehed ikun jaf ezatt ir-rapport tieghi dettaljat. L-anqas kien jidher li hemm ukoll s-sitt xhur 'sickness benefit'.*

*Imbaghad wara hafna pressjoni li jiena personalment ghamilt, il-file tieghi instab fi 'store' ma' files qodma u c-certifikati ma sabuhomx. Minhabba f'hekk jiena ma ghandiex insofri nuqqas fil-pensjoni tieghi, meta jiena kont dejjem korrett skond il-ligi.*

*Jiena inkun hafna ahjar ghalija u ghall-Avukat tieghi li nkunu prezenti waqt dawn il-proceduri biex il-kaz ikun jista' jigi spjegat ahjar fid-dettal.*"

B'nota tad-29 ta' Mejju 2002 gietipprezentata dikjarazzjoni ta' Doris Cutajar, Welfare Officer fl-Area Office tal-Marsa li taqra hekk:-

*"B'referenza ghall-ittra tieghek Ref. Ump 438/01, ninfurmak li hawn fl-Area Office Marsa ma jidhirx li ghad baqa' 'records' tac-certifikati tal-mard daqshekk lura tas-sena 1986. Jien ilni nahdem fl-Area Office dawn l-ahhar tlett snin u ghalhekk ma nistax naghtik kelma fi zgur fuq dawk is-snin. Mit-tiftix li ppruvajt naghmel ma hawn xejn x'jindika li nista' naghtik taghrif fuq dawn ic-certifikati.*"

Il-kwistjoni principali f'dan l-appell huwa l-perjodu li fiha l-appellant jallega li kien qed jaghmel ic-certifikati tal-mard u jipprezentahom fl-Area Office tal-Marsa. Id-Direttur isostni illi skond ir-'records' tieghu fil-perjodu in kwistjoni ma pprezenta l-ebda certifikati medici. Min-naha tieghu l-appellanti isostni li hu kien qed ihalli dawn ic-certifikati liema prova fil-fehma tal-Arbitru ma hiex maghmula sodisfacentement fil-grad li titlob il-ligi bl-affidavit tal-appellant.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad dan l-appell."

Minn din is-sentenza appella Joseph Spiteri bl-aggravju artikolat fis-sens illi d-decizjoni ta' l-Arbitru kienet skorretta. Huwa jissottometti illi pproduca dik il-prova – l-Affidavit – li kienet fil-possibilita` tieghu li jaghmel gjaladarba, kif allegat minnu, l-"Area Office" tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali kien tilef ic-certifikati medici li hu jsostni li kien jghaddilhom ta' kull gimgha.

Il-fatti f'dan il-kaz huma pjuttost rudimentali u jikkonsistu fis-segwenti:-

(i) Fl-Affidavit tieghu (fol 9) l-appellant isostni illi huwa ssottometta certifikati tal-mard matul il-perijodu li hu kien fuq 'sick-leave'. Jghid ukoll illi fl-1987, meta allura nbiddlet il-ligi, huwa kien staqsa impjegat tad-Dipartiment jekk kienx mehtieg li jissokta jaghmel certifikati. Dan issuggerielu biex jaghmel Affidavit kif hekk fil-fatt ghamel (fol 10), li fil-perijodu tas-'sick-leave' ma kienx qed jahdem. Jghid ukoll illi wara insistenza u pressjoni minnu l-file tieghu kien instab fl-istore ma' files qodma izda c-certifikati medici minnu sottomessi ma kienux fih.

(ii) Meta qamet il-kwestjoni dwar it-tnaqqis li kien qed jircievi fil-pensjoni l-appellant gie informat mid-Dipartiment (ara ittra datata 24 ta' Awissu 2001 a fol 6) illi mill-verifiki fir-records tad-Dipartiment instab li hu kien waqaf jaghmel ic-certifikati medici fl-1984. Gie ghalhekk invitat jipprezenta l-kopji taghhom gjaladarba hu baqa' jinsisti li kien baghthom.

Fuq il-bazi ta' dawn il-fatti l-Arbitru kien tal-fehma illi gjaladarba l-oneru tal-provi kien inkombenti fuq l-appellant u gjaladarba dan naqas milli jesebixxi kopja tac-certifikati medici, ossija d-duplikati ta' dawk originali allegatament mibghuta lid-Dipartiment, allura l-konkluzjoni kellha tkun li l-appellant naqas milli jgib prova sodisfacenti fil-grad li titlob il-ligi.

Ma jezisti l-ebda dubju, u dan fuq l-istregwa tal-principju maghruf, illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan huwa pacifiku. Jekk l-affermazzjoni tas-sottomissjoni tac-certifikati kien qed jaghmilha l-appellant, id-Direttur ma kellux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva li dawn ma ntbaghtux. U allura l-Qorti ma tistax taccetta l-argument illi ghax l-appellat ma kienx ikkonferma d-difiza tieghu bil-gurament, bhal ma hekk ghamel hu, ergo, ghal daqshekk l-appellant jista' jiskorja punt fuq l-avversarju. Dan ghaliex dejjem kien, obbligu tal-appellant illi jipprova sodisfacentement l-assunt tieghu. Prova li hu seta' jaghmilha bis-semplici produzzjoni tad-duplikati tac-certifikati medici. Dan b'dimostrazzjoni wkoll ta' l-ezistenza tal-fatt determinanti illi dawn ic-certifikati kienu effettivament saru.

Kull gudikant li hu msejjah biex jarbitra hu fl-obbligu li jesigi l-ahjar prova li fil-poter tal-parti li tipproduci jew li tirrigetta kwalunkwe prova ohra jekk jirrikonoxxi li l-parti tista' tipproduci wahda ahjar. Huwa biss meta jkun hemm cirkostanzi specjali li jistghu jispjegaw il-ghaliex ma tistax issir il-prova solita illi l-gudikant jew arbitru jista' jippermetti prova ohra li kapaci tissodisfah. Fuq dan il-gurisprudenza taghna hi konkordi. Ara a propositu decizjoni a **Vol XXIX pI p944**.

Fil-kaz prezenti l-Qorti tinnota illi l-appellant ma offra l-ebda spjega il-ghala ma kienx in grad li jipproduci d-duplikati tac-certifikati li suppost kienu fil-pussess tieghu. Evidentement ukoll ir-rikors ta' l-appell tieghu ma jikkontjeni l-ebda spjegazzjoni fir-rigward; del resto lanqas ma nsibu fih minimu accenn ghal dan il-fatt tan-nuqqas tieghu li jipprovdi l-kopji tac-certifikati.

Ghalkemm ma hemm xejn x'jimpedixxi li tintalab li ssir il-prova li tkun mehtiega biex ahjar jigu apprezzati l-fatti tal-kaz, dan ma jfisserx illi arbitru jew gudikant ghandu xi obbligu li jikkonduci hu l-prova tal-partijiet. Il-principju kien u jibqa' illi l-materja tigi deciza "iuxta allegata et probata". U dan hu dak li ghamel l-Arbitru f'dan il-kaz. Ragunament u konkluzjoni pjenament kondivizi minn din il-Qorti.

Il-Qorti taghlaq b'din l-enuncjazzjoni illustrata fid-decizjoni fl-ismijiet "**Charles Bonaci –vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 9 ta' April 2001, "l-oneru tal-prova kien fuq l-applikant. Prova li kellha tkun tali li tissodisfa lid-Direttur li naturalment kellu ukoll ikun ragjonevoli fl-apprezzament tal-provi prodotti. Certament, pero, kellu kull dritt jesigi prova adegwata, serja u attendibbli".

Ghal dawn l-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------